# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 26 ta' Novembru 2001**

**Numru 1**

**Avviz. numru 836/00mm**

**Anthony Polidano**

**vs**

**Samuel Vella**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-attur fit-28 ta' Gunju 2000 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur is-somma ta' Lm718.15 (seba mija u tmintax-il lira u hmistax-il centezmu) dovuti lill-attur ghad-danni minnu kkagunati f'incident awtomobilistiku bejn vettura misjuqa mill-konvenut (Mercedes Benz, Nru tar-registrazzjoni JAX 912) u dik tal-attur (Ford Fiesta, IBB 465) liema ncident sehh fi Triq Hal Farrug, Luqa fil-21 ta' Marzu,2000, l-imsemmi ncident sehh unikament tort u imputabbli lit-traskuragni, n-negligenza u nuqqas ta' harsien tar-

regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut (Dok A rapport Dok B skizz).

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu, billi l-kollizzjoni in kwistjoni ma saritx b'tort tal-eccipjenti, izda b'tort tal-attur, minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk l-eccipjenti ma hux responsabbli ghall-ebda hlas ta' danni;

2. Minghajr pregudizzju ghal premess, d-danni reklamati mill-attur huma esagerati;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku illi gara fil-21 ta' Marzu, 2000 ghal habta tas-siegha ta' wara nofs in-nhar

(1:00p.m.) fl-Industrial Estate ta' Hal Farrug bejn il-karozza Ford Fiesta IBB 465 misjuqa mill-attur u Mercedes Van JAX 912 misjuqa mill-konvenut.

L-attur xehed illi huwa kien qed isuq il-karozza tieghu go Hal Farrug Road, fid-direzzjoni tas-*Civil Aviation.* Mieghu kellu lil Alfred Camenzuli. Kienu qed isuqu fuq il-karreggjata tax-xellug u ra illi fin-nahha l-ohra kien hemm Mercedes ipparkjat misjuq mill-konvenut. Dana hareg mill-*parking place*, ghamel *u turn* u nvada l-karreggjata tieghu. Ma setghax jevita dan l-incident u baqa diehel fuqu.

Il-konvenut laqat il-karozza ta' l-attur fuq il-mudguard ta' quddiem in-nahha tal-lemin fejn tarlu wkoll il-bumper, il-fanal, kif ukoll l-indicator.

L-attur ra l-karozza tal-konvenut wiefqa u bdiet il-manuvra taghha hekk kif gie magembha. Minn nahha l-ohra, l-konvenut ighid illi huwa ma kienx qed jaghmel *u turn.* Ried imur fir-rampa jew triq zghira illi kien hemm fuq in-nahha tax-xellug tieghu, ghalhekk meta wasal vicin din ir-rampa, peress illi t-triq kienet imharbta u l-karozza tieghu kienet wahda goffa, huwa gibed lejn il-lemin sabiex ikabbar it-*turning circle* biex ikun jista jidhol bil-kumdita f'din it-triq. Qal illi sakemm kien qed jipprepara ghal din il-manuvra, hares fil-mirja u ma kien hemm hadd, izda hekk kif kien ser jaqbad il-ponta tar-rampa, giet il-karozza misjuqa mill-attur u baqghet diehla go fih. Huwa ma ndunax bil-karozza ta' l-attur hlief mad-daqqa. Wara l-impatt il-konvenut ressaq il-van tieghu lura b'xi metru.

Il-konvenut innega li kien qed jaghmel xi *u turn* jew inkella kien ipparkjat. Kien ghaddej fit-triq li kienet pjuttost imharbta u ried idur lejn ix-xellug. Ma ppretendiex illi kien ser ikollu diffikultajiet partikolari u ghalhekk kiser lejn il-lemin sabiex idur b'aktar kumdita. Kien proprju f'dak il-punt illi gara l-incident.

Ghal dawk illi huma d-danni hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet peress illi l-attur jippretendi li ghandu jigi ri-emprazzat parts illi huma originali, mentri l-konvenut ighid illi l-karozza ta' l-attur kienet wahda qadima u ghalhekk skond il-prassi kellhom jigu mibdula b'parts *imitation*, basta dawna jkollhom garanzija, liema parts ikunu pero' irhas minn dawk originali.

Ikkunsidrat:

Ghal dak li jirrigwarda r-responsabbilta', l-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju illi ghal dan l-incident ghandu jahti l-konvenut. Evidentement dana ma tax kaz partikolari ghal karozzi li kienu gejjin minn warajh u l-manuvra tieghu lejn il-lemin biex ikabbar it-*turning circle* setghet giet interpretata hazin mill-karozzi li kienu warajh - f'dan il-kaz l-attur. Skond l-isketch li hemm esebit f'dawn l-atti l-posizzjoni tal-vettura misjuqa mill-konvenut tidher angolata mhux hazin f'relazzjoni mat-triq li kien ghaddej fiha. Dana jindika illi t-*turning circle* illi huwa ghamel kien aktar wiesa milli fil-fatt xehed quddiem il-Qorti, u dana, ma hemmx dubbju, kien fattur kontributorju ghal dan l-incident peress illi l-attur miz-interpreta l-intenzjonijiet tal-konvenut meta rah jigbed mix-xellug ghall-lemin. Jista jaghti l-kaz illi l-attur ma kienx

f'posizzjoni illi jara lill-konvenut qabel ma beda l-manuvra tieghu lejn il-lemin, pero' rah hekk kif beda hiereg minn dik il-posizzjoni, fejn allura kien jinkombi fuq il-konvenut attenzjoni specjali biex jassigura illi huwa ma kienx sejjer jostakola lill-utenti l-ohra tat-triq. Evidentement dan ma ghamlux u ghad illi huwa qaghad attent u hares fil-mirja qabel ma beda l-manuvra, ma jidhirx illi ghamel hekk waqt l-istess. Peress illi kieku kompla ihares lejn il-mirja jew lejn ix-xellug tieghu minn fejn kellhom jigu l-vetturi allura kien ser ikun f'posizzjoni li jara l-karozza tal-attur tavvicina. La dana ma ghamlux u baqa ghaddej xorta wahda, tindika illi dana kellu nuqqas ta' *proper look out.*

L-attur minn nahha l-ohra kien sejjer ghad-dritt.  Ma kien ser idur l-ebda kantuniera u ghalhekk ma kienx mistenni illi l-perkors tieghu jkun ostakolat. Huwa kellu d-dritta u l-konvenut messu qaghad attent ghall-karozzi l-ohra li kien hemm fit-triq u jaghti d-dritta fejn dina kienet misthoqqa.

F'sentenza moghtija fis-16 ta' Ottubru,1995 fil-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet Hugh P Zammit noe vs Raymond Debono ikkonfermat il-principju illi meta sewwieq ikun ser jikser ghal go *side street* mhux bizzejjed illi jaghmel sinjal izda jrid jara wkoll illi dawk li kienu qed isuqu warajh ikunu fehmu s-sinjal, u rreagixxew ghalih. Minn dan kollu l-konvenut ma ghamel xejn izda qabad u dar minghajr ma ha nkonsiderazzjoni dawn ir-rakkomandazzjonijiet illi ghalmet dik il-Qorti.

Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi ghal dan l-incident ghandu jahti unikament u esklussivament il-konvenut.

Ghal dawk li huma d-danni kif gia nghad, hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet peress illi l-konvenut jidhirlu li huwa m'ghandhux ihallas il-prezz ta' *replacement parts* originali meta fis-suq hemm *imitation parts* bil-garanzija li huma ta' l-istess gage, daqs u ghamla ta'  l-original, pero' bi prezz irhas.

Fuq dan il-punt il-Qorti trid tibda bil-principju illi d-danneggjat ghandu l-obbligu li jimminimizza d-danni. F'sentenza moghtija fil-5 ta' Ottubru, 1994 fl-ismijiet Mario Blackman vs Paul Formosa il-Prim Awla tal-Qorti Civili ssottolineat il-principju illi d-danneggjat filwaqt illi ghandu d-dritt li jassigura li jigi riemborzat ghad-danni kollha li sofra u li jerga jitqieghed kemm hu possibli fl-istat illi kien qabel l-incident, fl-istess waqt ghandu l-obbligu li jillimita kemm jista jkun id-danni li ghalihom huwa responsabbli min ikkagunalu l-hsarat. Id-danneggjat ghandu jagixxi bhala *bonus pater familias* u kull ma jiffranka fl-ezercizzju ta' dan l-obbligu ghandu jmur favur min ikun ikkaguna l-hsara.

Il-Qorti kkunsidrat il-fatt illi l-vettura misjuqa mill-attur ghandha certa zmien u ghalhekk il-parts illi kien hemm fuqha gew uzati ghal dan iz-zmien kollha u taw is-servizz li kien rikjest ghalihom.

Is-surveyor Natalino Agius xehed illi hija prassi tal-professjoni illi meta karozza tkun ta' certa eta' allura l-*quotation ta' l-spare parts* tkun ibbazata fuq dawk ta' imitazzjoni ta' l-original basta li jkunu koperti bil-garanziji opportuni. Huwa spjega illi dawn il-parts ma jaghmlu l-ebda differenza ghal karozza u huma ta' l-istess ghamla, daqs u gage ta' l-original, pero' bi prezz irhas.

Spjega illi meta karozza tkun ghadha gdida u jkollha bzonn xi replacement parts, allura f'dak il-kaz jinsistu li jkunu l-originali.

Il-Qorti jidhrilha illi dan ir-ragunament tas-surveyor jaghmel sens, peress illi jekk l-attur jibqa jippretendi illi ghandu jkollu parts originali dina tkun tfisser illi huwa ser jigi moghti il-gdid ghal parts uzati. Il-Qorti mhix ser tippretendi illi dana ghandu bilfors jikkuntenta b'parts *second hand* anke jekk ikunu tajbin, ghal karozza relattivament gdida, pero' ma jidhirlhiex li ghandu dritt illi jkun riempezzat b'parts originali meta l-karozza tieghu kienet ilha daqshekk fit-triq. Li kieku l-karozza kienet *beyond economical repair* l-attur zgur ma kienx ser jippretendi li ser jiehu karozza gdida, izda *se mai* jiehu l-valur taghha qabel l-incident. Peress illi dana mhuwiex possibli ghax dawn il-parts ikunu mwahhlin mal-karozza u globalment jaghtu valur u mhux individwalment, allura f'dak il-kaz il-Qorti ghandha taqa fuq kriterju aktar oggettiv u takkorda dawk il-parts *imitation* pero' li jaghtu l-istess servizz bhal parts originali, biex b'hekk ikun osservat il-principju fuq enuncjat, illi danneggjat ghandu l-obbligu li jimminimizza d-danni minghajr pregudizzju ghad-dritt tieghu li jitqieghed kemm jista jkun fil-posizzjoni li kien qabel l-incident.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-*survey report* esebit f'dan il-process u ghax-xhieda moghtija mis-*surveyor* fejn dana qal li fl-opinjoni tieghu meta tqis kollox ma' kollox ic-cifra ta' tlett mitt lira hija bizzejjed biex il-karozza tkun tista tissewwa u titpogga fl-istat illi kienet qabel. Semma wkoll illi certa parts illi kienu ndikati mill-attur ma kienx hemm bzonn jitbiddlu.

Il-Qorti wkoll jidhrilha illi ghandha toqghod fuq dan l-*assessment* illi ghamel is-*surveyor*. Dana l-ghaliex is-*survey* sar flimkien mal-persuna illi kien ser isewwi l-karozza fliema kaz kienu qieghdin jaraw il-hsarat quddiemhom, liema hsarat ma kienux daqshekk estensivi, fejn wiehed jippretendi illi jsib xi hsarat ohra wara dawk illi jkunu jidhru fil-faccata. Dana zgur illi ma kienx il-kaz f'din il-kawza peress illi d-daqqa kienet wahda zghira u l-hsarat kienu jidhru. Wara l-*panels* ma jirrizultax illi kien hemm hsarat ohra. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi l-istima illi pprezenta s-*surveyor* hija wahda gustifikata u ragonevoli fic-cirkostanzi u ghandha tigi addottata meta tigi biex tikkonsidra l-*quantum* tad-danni.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi filwaqt illi tilqa' t-talba ta' l-attur, tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghal dan l-incident illi gara Triq Hal Farrug, Luqa fil-21 ta' Marzu,2000 bejn il-karozza JAX 912 misjuqa mill-konvenut u Ford Fiesta IBB 465 misjuqa mill-attur u dana minhabba traskuragni, u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut

Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' tlett mitt lira (Lm300.00) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur dan l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez illi ghandhom jithallsu kwantu ghal nofs mill-attur u nofs mill-konvenut.

Anthony Zammit
Dep Reg